MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 686/2002

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**CVB Services Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm4095.00,0 (erbat'elef u hamsa u disghin lira Maltin) rappresentanti import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjala, kollha ta' Lm195 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2000 sa Jannar 2001 u minn Marzu 2001 sa Awissu 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numru 1 sa 21 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-8 ta' Novembru 2002 jammontaw ghal Lm381, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 2002, u tal-Mandat ta' qbid pprezentat mal-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet minn fol 2 u fol 21 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' April 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4095.00,0 bl-imghax legali li mill-iskadenza ta' kull kambjala esebita "in atti" sat-8 ta' Novembru 2002 jammonta ghal Lm381.00,0 kif ukoll dak ulterjuri mid-9 ta' Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2002 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tal-14 ta' Novembru 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------